MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 823/2003

**Barbara Formosa bhala prokuratrici tal-assenti Beverley Strawford**

**vs**

**Victor Dalli**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta’ April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000.00) rapprezentanti self *brevi manu*.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali datata 2 ta’ Settembru 2002 u bl-imghax mid-data tal-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi huwa ma ssellef l-ebda ammont minghand l-attrici. Huwa kien issellef is-somma ta' elf lira Maltin minghand omm l-attrici bi ftehim li jigu restitwiti bir-rata ta' erbghin lira fix-xahar minghajr imghax.
2. Il-konvenut kien offra li jhallas lill-attrici l-ammont ta' Lm960.00 peress li thallas l-ewwel pagament, bl-istess kundizzjonijiet tal-ftehim li sar mill-awtrici taghha.
3. L-attrici qablet izda wara reggha bdielha.
4. Illi l-attrici ma jistghax ikollha drittijiet aktar mill-awtrici taghha u ghalhekk din il-kawza saret inutilment u l-konvenut m'ghandux ibati spejjes.

Ra n-nota prezentata mill-attrici nomine fejn it-talba attrici giet ridotta ghall-disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960.00).

Ha konjizzjoni tal-affidavit tal-attrici nomine u tad-okumenti esebiti mill-partijiet. Sema' x-xhieda tal-konvenut.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi xi zmien qabel Settembru 2001 Maria Tanti, omm l-attrici, kienet selfet is-somma ta' Lm1,000.00 lill-konvenut li kien in-neputi taghha. M'hemmx kontestazzjoni da parti tal-konvenut li fil-fatt kien sar dan is-self brevi manu kif m'hemmx kontestazzjoni li l-konvenut kien lahaq ftehim ma Maria Tanti li jhallas lura l-ammont lilu misluf f'pagamenti rateali ta' Lm40.00 fix-xahar. Maria Tanti mietet u halliet bhala eredi universali lill-bintha, u cioe' l-attrici fil-kawza odjerna. Wara li mietet Maria Tanti, u precizament fil-15 ta' Settembru 2001, il-konvenut kien iffirma skrittura privata (esebita a fol. 17 tal-process) fejn irrikonoxxa li huwa kien debitur tal-attrici fl-ammont ta' Lm1,000.00 u fejn accetta li jhallas dan l-ammont lura f'pagamenti rateali ta' Lm40.00 fix-xahar. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-konvenut fil-fatt effetwa pagament wiehed biss ta' Lm40.00 u dan kien fid-9 ta' Marzu 2002.

Il-konvenut isostni li huwa dispost li jkompli jeffetwa l-pagamenti kif miftiehem, u cioe' bir-rata ta' Lm40.00 fix-xahar. izda l-attrici tirribatti li una volta li huwa ghazel li ma jhallasx l-ammont dovut minnu f'pagamenti rateali ta' Lm40.00 kif miftiehem, il-bilanc dovut llum sar dovut fl-intier tieghu u l-konvenut ma jistghax issa jaghzel li jhallas dan il-bilanc f'pagamenti rateali.

It-Tribunal jaqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-attrici nomine ma setghatx ikollha jeddijiet jew drittijiet aktar mill-awtrici taghha, u cioe' Maria Tanti, izda jidhirlu li l-attrici nomine fil-fatt m'hijiex qed tippretendi li tezercita driittijiet oltre dawk li kellha l-awtrici taghha. Meta mietet ommha fil-fatt hija talbet lill-attur sabiex ihallas l-ammont dovut minnha bil-modalitajiet li kienu gew stabbiliti u miftehma mill-konvenut ma' Maria Tanti, u cioe' f'pagamenti rateali ta' Lm40.00 fix-xahar. Kif diga' spjegat aktar il-fuq, fil-15 ta' Settembru 2001 il-konvenut kien accetta li jhallas l-ammont dovut minnu lill-attrici nomine f'pagamenti ta' Lm40.00 fix-xahar izda minn dik id-data sallum huwa effetwa biss pagament wiehed ta' Lm40.00. Li kieku il-konvenut aderixxa mal-modalitajiet ta' pagament stabbiliti fl-iskrittura tal-15 ta' Settembru 2001 sallum huwa kien ikun hallas il-bilanc kollu dovut minnu lill-attrici. Dan ifisser li l-attrici nomine ghandha d-dritt li tesigi li tithallas il-bilanc dovut lilha fl-intier tieghu u mhux aktar f'pagamenti rateali kif qed jippretendi l-attur.

Ghal dawn il-motivi, t-Triibunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici nomine is-somma ta' disa' mija u sittin lira Maltin (Lm960.00).

L-ispejjes ta' din l-istanza nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Settembru 2002, ghandhom jithallsu nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------